RIŻOLUZZJONI (UE) 2023/1872 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2023

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) għas-sena finanzjarja 2021

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għas-sena finanzjarja 2021,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0133/2023),

A. billi, skont id-dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq tagħha ([1]), il-baġit finali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (l-"Aġenzija") għas-sena finanzjarja 2021 kien ta' EUR 110 728 826 li jirrappreżenta żieda ta' 1,25 % meta mqabbel ma' dak tal-2020; billi madwar 26 % tal-baġit tal-Aġenzija huwa derivat minn tariffi u imposti u 72 % mill-Unjoni u minn pajjiżi terzi;

B. billi l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti") fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2021 (ir-"rapport tal-Qorti"), tiddikjara li kisbet aċċertament raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota b'sodisfazzjon li l-isforzi ta' monitoraġġ baġitarju matul is-sena finanzjarja 2021 irriżultaw f'rata ta' implimentazzjoni tal-baġit tal-approprjazzjonijiet ta' impenn tas-sena attwali ta' 98,39 %, li tirrappreżenta tnaqqis żgħir ta' 0,10 %, meta mqabbla mal-2020 u li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament tas-sena attwali kienet ta' 86,23 %, li tirrappreżenta tnaqqis ta' 1,31 % meta mqabbla mal-2020;

2. Jinnota li l-Aġenzija hija ffinanzjata minn tariffi mħallsa mill-industrija u kontribuzzjoni saldatorja mill-Unjoni f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) u r-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), u minn kontribuzzjoni tal-Unjoni fir-rigward ta' attivitajiet f'konformità ma' għadd ta' direttivi ambjentali u konvenzjonijiet internazzjonali; jinnota, barra minn hekk, li fl-2021, l-Aġenzija ġabret introjtu mit-tariffi u l-imposti li jammonta għal EUR 30 198 445, filwaqt li rċeviet EUR 79 665 478 (inklużi l-kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi terzi) mill-baġit tal-Unjoni u EUR 4 349 206 minn kontribuzzjonijiet fl-ambitu ta' ftehimiet speċifiċi; jirrikonoxxi li, sa mill-iskadenza tar-reġistrazzjoni finali skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 fl-2018, l-introjtu mit-tariffi tal-Aġenzija naqas b'mod sinifikanti, li jobbligaha tibbaża dejjem aktar fuq l-Unjoni biex tiffinanzja l-operazzjonijiet tagħha;

([1]) ĠU C 141, 29.3.2022, p. 120.

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1).

3. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi indirizzat in-nuqqas ta' prevedibbiltà tal-introjtu mit-tariffi tal-Aġenzija; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta l-proposta tagħha biex issaħħaħ il-governanza tal-Aġenzija u żżid is-sostenibbiltà tal-mudell ta' finanzjament tagħha mingħajr dewmien, f'konformità mal-impenn tagħha espress fl-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà ([5]);

Prestazzjoni

4. Jinnota li l-Aġenzija għamlet rieżami tal-pjan strateġiku għall-2019-2023; jinnota li l-Aġenzija kisbet 194 azzjoni u eżitu minn 214 stabbiliti fil-programm ta' ħidma tal-2021 u li t-18-il azzjoni u eżitu li kien fadal ma ġewx issodisfati prinċipalment minħabba l-pandemija tal-COVID-19, speċifikament, minħabba kontributi mdewma jew inqas milli previsti mis-sħab; japprezza l-fatt li l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni ġew issodisfati u l-fatt li l-Aġenzija ġibdet l-attenzjoni għal miżuri li jistgħu jtejbu l-effiċjenza u l-effettività tal-ħidma tal-Aġenzija; madankollu, jirrakkomanda li l-Aġenzija tieħu nota tal-indikaturi li għadhom ma ntlaħqux jew li waqgħu lura;

5. Josserva li, fost l-awtoritajiet regolatorji kollha, l-Aġenzija hi dik li tixpruna l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sustanzi kimiċi għall-benefiċċju tal-ambjent u s-saħħa tal-bniedem, kif ukoll għall-innovazzjoni u l-kompetittività; jinnota li l-Aġenzija tipprovdi informazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi, tgħin lill-kumpaniji jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni u tippromwovi l-użu sikur tas-sustanzi kimiċi;

6. Jinnota l-kisbiet tal-Aġenzija fil-qasam tal-identifikazzjoni u tal-ġestjoni tar-riskju ta' sustanzi ta' tħassib, li huma, fost l-oħrajn, total ta' 371 kontroll tal-konformità mwettqa fl-2021 u l-provvista tal-abbozz ta' evalwazzjoni u l-abbozz ta' profil tar-riskju għal żewġ sustanzi, bl-għan li jiġu identifikati pollutanti organiċi persistenti ġodda; jinnota l-kisbiet fil-qasam tal-użu sikur u sostenibbli tas-sustanzi kimiċi mill-industrija, li jinkludu, fost l-oħrajn, l-obbligu li jiġu nnotifikati taħlitiet perikoluż għall-użu professjonali u tal-konsumatur li beda fl-2021; jinnota l-kisbiet tal-Aġenzija fil-qasam tal-ġestjoni sostenibbli tas-sustanzi kimiċi permezz tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, b'mod partikolari, l-appoġġ *ad hoc* li tat lill-Kummissjoni fil-fażi bikrija tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà;

7. Jilqa' l-fatt li l-Aġenzija żiedet l-isforzi tagħha ta' monitoraġġ tal-konformità u li fil-biċċa l-kbira kellha suċċess fl-identifikazzjoni tar-reġistrazzjonijiet mhux konformi u fis-segwitu tal-każijiet fejn kumpaniji kienu jeħtieġu li jikkjarifikaw id-data li kienu pprovdew; jinnota bi tħassib li, minkejja dawk l-isforzi, madwar 40 % minn dawk il-kumpaniji għadhom mhux konformi; jinnota li l-infurzar f'kooperazzjoni mal-Istati Membri huwa proċess li jieħu ħafna ħin u li l-każijiet jistgħu jiġu solvuti aktar malajr kieku l-Aġenzija jkollha l-mezzi leġiżlattivi għad-dispożizzjoni tagħha biex tneħħi n-numri ta' reġistrazzjoni tal-kumpaniji li ma jikkonformawx mar-regoli;

8. Jinnota li l-Aġenzija tikkollabora mill-qrib ma' aġenziji oħra tal-Unjoni, bħall-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard u l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, permezz ta' memoranda ta' qbil; jissottolinja l-importanza ta' approċċ bħal dan, sabiex jiġi żgurat li l-ħidma ta' kull aġenzija tkun konsistenti ma' dik tal-aġenziji l-oħra u biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-ġestjoni finanzjarja tajba; jilqa' l-kondiviżjoni tas-servizzi u jħeġġeġ il-kooperazzjoni fost l-aġenziji tal-Unjoni fejn ikun possibbli;

9. Jinnota li fl-2021 l-Aġenzija bdiet proġett konġunt mal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent biex tappoġġja lill-Kummissjoni fl-iżvilupp ta' qafas ta' indikaturi dwar is-sustanzi kimiċi għall-monitoraġġ tal-ixprunaturi u l-impatti tat-tniġġis kimiku u għall-kejl tal-effettività tal-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi;

10. Josserva li l-Aġenzija pprovdiet appoġġ xjentifiku u tekniku lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà, u li ppubblikat ir-rapport tagħha ta' ħames snin dwar l-operat tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 ([6]);

([5]) Strateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà: Lejn Ambjent Ħieles mit-Tossiċità, COM(2020) 667, l-14 ta' Ottubru 2020, p. 16.

([6]) Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

Politika dwar il-persunal

11. Jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2021, 97,41 % tat-tabella tal-persunal kienet ġiet eżegwita, b'453 aġent temporanju maħtura minn total ta' 467 aġent temporanju awtorizzati mill-baġit tal-Unjoni (meta mqabbla mal-463 pożizzjoni awtorizzati fl-2020); jinnota li barra minn hekk, fl-2021, 130 aġent kuntrattwali u tliet esperti nazzjonali sekondati ħadmu għall-Aġenzija;

12. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-ammont ta' persunal tal-Aġenzija jkun adegwat u jkun jirrifletti l-ħtiġijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-Istrateġija tal-Unjoni dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà, tal-Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari u tal-ambizzjoni ta' tniġġis żero b'mod partikolari;

13. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-iżbilanċ għoli bejn il-ġeneri fil-maniġment superjuri u intermedju tal-Aġenzija żdied, b'27 (82 %) pożizzjoni okkupata mill-irġiel u sitta (18 %) min-nisa; jinnota li, għall-bord ta' tmexxija, l-Aġenzija tirrapporta distribuzzjoni tal-bilanċ bejn il-ġeneri ta' 15-il raġel (42 %) u 21 mara (58 %) u, għall-persunal ġenerali, 261 raġel (46 %) u 312-il mara (54 %); jilqa' l-fatt li f'Marzu 2022, l-Aġenzija adottat il-Karta tagħha dwar id-Diversità u l-Inklużjoni, li għandha l-għan li żżid il-proporzjon ta' ġeneri sottorappreżentati kemm fil-livell ta' appoġġ kif ukoll f'dak maniġerjali; jistieden lill-Aġenzija tieħu miżuri konkreti biex jinkiseb il-bilanċ bejn il-ġeneri fil-livelli kollha tal-ġerarkija tal-Aġenzija mill-aktar fis possibbli u tirrapporta lura lill-awtorità ta' kwittanza;

14. Jinnota li l-Aġenzija stabbiliet politika kontra l-fastidju u linji gwida relatati; jilqa' l-fatt li fl-2021 l-Aġenzija organizzat taħriġ għall-prevenzjoni tal-fastidju għall-persunal kollu; jirrikonoxxi li l-maniġment qed jippromwovi mġiba xierqa billi jorganizza laqgħat bejn il-persunal u l-konsulenti kunfidenzjali u joffri medjazzjoni f'każijiet ta' kunflitt permezz ta' medjaturi mħarrġa fuq il-post tax-xogħol;

15. Ifakkar fl-importanza li tiġi żviluppata politika tar-riżorsi umani fit-tul dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, il-gwida tul il-ħajja u l-għoti ta' possibbiltajiet ta' taħriġ speċifiku għall-iżvilupp tal-karriera, il-bilanċ bejn il-ġeneri fil-livelli kollha tal-persunal, it-telexogħol, id-dritt għall-iskonnessjoni, it-titjib ta' bilanċ ġeografiku biex ikun hemm rappreżentanza xierqa mill-Istati Membri kollha, u r-reklutaġġ u l-integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità kif ukoll li jiġi żgurat li jiġu ttrattati b'mod ugwali u li l-opportunitajiet tagħhom jiġu promossi b'mod wiesa';

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u trasparenza

16. Jinnota b'apprezzament il-fatt li fuq is-sit web tagħha l-Aġenzija tkompli tippubblika s-CVs tal-membri kollha tal-bord ta' tmexxija u l-kumitati tagħha, inklużi dawk tal-presidenti tagħha li huma membri tal-persunal tal-Aġenzija, tad-Direttur Eżekuttiv u tal-membri kollha tal-bord tal-appell; jilqa' l-fatt li l-politiki tal-Aġenzija dwar il-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess ikopru t-tul ta' żmien kollu tal-impjieg tal-persunal u li, biex tiġi ssalvagwardjata l-indipendenza, l-esperti esterni li jipparteċipaw fil-kumitati xjentifiċi, fil-bord ta' tmexxija u fil-forum ta' infurzar jiġu eżaminati skont sitt kriterji ta' eliġibbiltà mmirati;

17. Jinnota li fl-2021 ma ġie rrapportat ebda każ ta' żvelar ta' informazzjoni protetta; jinnota b'sodisfazzjon li l-Aġenzija stabbiliet il-qafas meħtieġ li jirregola l-protezzjoni tal-informaturi fil-livell tal-Aġenzija;

18. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġu stabbiliti regoli aktar sistematiċi dwar it-trasparenza, l-inkompatibbiltajiet, il-kunflitti ta' interess, il-lobbjar illegali u r-revolving doors; jinnota madankollu li l-membri tal-persunal tal-Aġenzija jeħtiġilhom jinnotifikaw attivitajiet okkupazzjonali ġodda għall-ewwel sentejn wara li jitilqu mis-servizz tal-Aġenzija u li l-Aġenzija tista' tipprojbixxi l-attività l-ġdida jew timponi kundizzjonijiet fir-rigward tal-attività l-ġdida; jinnota li, f'Diċembru 2016, il-bord ta' tmexxija tal-Aġenzija rreveda l-Istrateġija Kontra l-Frodi tal-Aġenzija; jistieden lill-Aġenzija ssaħħaħ il-mekkaniżmi ta' kontroll intern tagħha, inkluż l-istabbiliment ta' mekkaniżmu intern kontra l-korruzzjoni;

Kontroll intern

19. Jinnota li fl-2021 is-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) ma wettaq l-ebda awditu speċifiku u ffoka fuq it-tħejjija tal-pjan ta' awditjar strateġiku għall-2022-2024; jinnota b'sodisfazzjon li s-segwitu tal-awditu tal-2020 dwar l-istrateġija regolatorja integrata kkonkluda li jistgħu jingħalqu r-rakkomandazzjonijiet kollha; jinnota b'sodisfazzjon li l-IAS għalaq ir-rakkomandazzjonijiet miftuħa li kien fadal mill-awditu ta' segwitu dwar il-ġestjoni tal-prestazzjoni li sar fl-2020;

20. Jinnota li l-kapaċità tal-awditjar intern tal-Aġenzija wettqet tliet awditi ta' aċċertament dwar ir-regolarità u l-kwalità tas-sistemi ta' kontroll intern u l-effiċjenza u l-effettività tal-operazzjonijiet; jinnota li l-ewwel awditu dwar l-identifikazzjoni u l-evalwazzjoni tal-aspetti ambjentali fl-Aġenzija rriżulta fi tliet rakkomandazzjonijiet; jinnota li t-tieni awditu dwar il-proċess ta' ppjanar, monitoraġġ u rapportar tal-Aġenzija rriżulta f'ħames rakkomandazzjonijiet importanti; jinnota li t-tielet awditu dwar il-proċess tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi bijoċidali (fl-ambitu tal-Programm ta' Rieżami) irriżulta f'ħames rakkomandazzjonijiet (inkluża rakkomandazzjoni importanti ħafna);

21. Jinnota li l-kapaċità ta' awditjar intern tal-Aġenzija wettqet żewġ awditi ta' segwitu biex tivverifika l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni, li laħqu l-konklużjoni li azzjoni importanti ħafna u żewġ azzjonijiet importanti għadhom qed jiġu implimentati; jistieden lill-Aġenzija tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar kwalunkwe żvilupp f'dak ir-rigward;

22. Ifakkar fl-importanza li jissaħħu s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll biex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tal-Aġenzija; jinsisti bil-qawwa fuq il-ħtieġa ta' sistemi ta' ġestjoni u kontroll effettivi biex jiġu evitati każijiet potenzjali ta' kunflitt ta' interess, kontrolli *ex ante*/*ex post* neqsin, ġestjoni inadegwata tal-impenji baġitarji u legali, u nuqqasijiet ta' rappurtar ta' kwistjonijiet fir-reġistru tal-eċċezzjonijiet;

Diġitalizzazzjoni u tranżizzjoni ekoloġika

23. Jinnota b'sodisfazzjon li fl-2021, l-Aġenzija implimentat kampanja obbligatorja ta' sensibilizzazzjoni dwar is-sigurtà u implimentat miżuri ta' protezzjoni aktar avvanzati tal-posta elettronika, li jinvolvu, fost l-oħrajn, karatteristiċi ta' sigurtà bħas-sandboxing tal-ħemżiet tal-posta elettronika, links sikuri għall-URLs fil-messaġġi tal-posta elettronika u detezzjoni avvanzata; jinnota b'apprezzament li l-Aġenzija tejbet il-kapaċità ta' detezzjoni ta' kwalunkwe intrużjoni u użu ħażin li jkunu għaddejjin tal-identitajiet sabiex jiġi identifikat avvanz ulterjuri għal sistemi aktar kritiċi wara aċċess inizjali mhux awtorizzat għal waħda mis-sistemi tal-Aġenzija bi profil aktar baxx;

24. Jinnota li l-Aġenzija tapplika u ssegwi prattiki ta' sigurtà tal-ogħla livell sabiex tipproteġi l-informazzjoni kunfidenzjali li tkun wieqfa fis-Sistemi ta' Informazzjoni tal-Aġenzija u fi tranżitu ma' utenti awtorizzati bħall-awtoritajiet tal-Istati Membri, u li fuq bażi regolari tivvalida l-effettività tal-miżuri ta' sigurtà stabbiliti billi twettaq valutazzjonijiet interni tar-riskju u valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà kif ukoll ittestjar tas-sigurtà mwettaq minn esperti indipendenti tas-sigurtà;

25. Jinnota li l-Aġenzija żviluppat programm ta' ħidma ambjentali għall-2020-2022, li jistabbilixxi miri għat-tnaqqis tal-konsum tar-riżorsi naturali, għat-tnaqqis tal-iskart u għat-tnaqqis tal-impronta tal-karbonju tal-Aġenzija; jinnota b'sodisfazzjon li s-sistema ta' ġestjoni ambjentali (EMS) iċċertifikata ISO 14001 tal-Aġenzija għaddiet b'suċċess minn awditu ta' sorveljanza, minn awditu intern, minn rieżami ambjentali estern u minn awditu ta' verifika ambjentali;

26. Ifakkar fl-importanza li tiżdied id-diġitalizzazzjoni tal-Aġenzija f'termini ta' operat u ġestjoni interni iżda anki sabiex titħaffef id-diġitalizzazzjoni tal-proċeduri; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-aġenzija tkompli tkun proattiva f'dak ir-rigward sabiex jiġi evitat distakk diġitali bejn l-aġenziji; jiġbed l-attenzjoni, madankollu, għall-ħtieġa li jittieħdu l-miżuri ta' sigurtà kollha meħtieġa biex jiġi evitat kwalunkwe riskju għas-sigurtà online tal-informazzjoni pproċessata;

27. Iħeġġeġ lill-Aġenzija taħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ENISA (l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà) u mas-CERT-UE (l-Iskwadra ta' Rispons f'Emerġenza relatata mal-Kompjuters għall-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji Ewropej) u twettaq valutazzjonijiet tar-riskju regolari tal-infrastruttura tal-IT tagħha u tiżgura li jsiru awditi u testijiet regolari tad-difiżi ċibernetiċi tagħha; jissuġġerixxi li jiġu offruti regolarment programmi ta' taħriġ aġġornati relatati maċ-ċibersigurtà għall-persunal kollu fl-Aġenzija; jistieden lill-Aġenzija tiżviluppa l-politika taċ-ċibersigurtà tagħha b'mod aktar rapidu, tressaqha qabel il-31 ta' Diċembru 2023 u tirrapporta lura lill-awtorità ta' kwittanza;

Kontinwità tal-operat matul il-kriżi tal-COVID-19

28. Jinnota li wara t-telexogħol fuq skala kbira u fit-tul tas-snin ta' qabel, l-Aġenzija għamlet sforzi biex tintroduċi tipi ta' mezzi ġodda ta' sensibilizzazzjoni għall-persunal; jinnota li fl-2021 l-Aġenzija organizzat it-18-il laqgħa annwali tan-Network tal-Uffiċjali tas-Sigurtà, li fiha ġew diskussi kwistjonijiet relatati mal-għodda l-ġdida għall-ġestjoni tal-identità, u l-implikazzjonijiet fuq l-IT u s-sigurtà tal-IT li għandha l-Istrateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà;

Ittestjar fuq l-Annimali

29. Jenfasizza l-fatt li l-Aġenzija kompliet bl-isforzi tagħha biex telimina gradwalment l-ittestjar fuq l-annimali fl-Ewropa sa fejn ikun possibbli taħt il-qafas regolatorju attwali; jilqa' l-fatt li l-Aġenzija introduċiet mandat għal metodi mingħajr l-użu tal-annimali fl-Unità B2 tal-Valutazzjoni Komputazzjonali tagħha; jirrikonoxxi li dan huwa pass meħtieġ fid-direzzjoni t-tajba, iżda mhuwiex biżżejjed; iħeġġeġ għaldaqstant lill-Aġenzija taħdem mal-partijiet ikkonċernati kollha sabiex titħaffef it-tranżizzjoni għal użu sħiħ ta' metodi mingħajr l-użu tal-annimali għall-ittestjar tas-sikurezza kimika; itenni li l-liġi tirrikjedi li l-kumpaniji jużaw metodi alternattivi kull meta jkun possibbli, u għalhekk il-kumpaniji għandhom iwettqu testijiet fuq l-annimali bħala l-aħħar alternattiva biss;

30. Iħeġġeġ lill-Aġenzija tistabbilixxi task force li tiffoka fuq it-tnaqqis u s-sostituzzjoni tal-ittestjar fuq l-annimali;

31. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni se taħdem flimkien mal-Aġenzija fuq pjan direzzjonali biex tidentifika l-ħtieġa ta' tranżizzjoni lejn sistema mingħajr annimali għar-regolamentazzjoni tas-sustanzi kimiċi industrijali; huwa tal-fehma li l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għandhom ikunu parti mit-tim li jaħdem fuq il-pjan direzzjonali; jitlob li l-pjan direzzjonali jkun fih stadji ambizzjużi u estiżi biex jitħaffef l-użu regolatorju u l-aċċettazzjoni ta' metodi mingħajr l-użu tal-annimali;

Kummenti oħra

32. Jinnota li fl-2021 ġew organizzati korsijiet ta' taħriġ dwar is-sikurezza kontra n-nirien u dwar l-evakwazzjoni għall-persunal kollu tas-servizzi korporattivi, kif ukoll sessjonijiet ta' taħriġ separati għall-fornituri tas-servizzi fil-bini tal-Aġenzija; jilqa' l-fatt li l-Pjan ta' Salvataġġ ta' Emerġenza ġie aġġornat u kkomunikat lill-Awtoritajiet ta' Salvataġġ ta' Helsinki; jinnota li ġie organizzat taħriġ dwar is-sikurezza kontra r-radjazzjoni għall-Uffiċjal tas-Sikurezza Kontra r-Radjazzjoni tal-Aġenzija mill-organizzazzjoni Finlandiża ta' taħriġ iċċertifikat;

33. Jinnota li fl-2021 l-Aġenzija kompliet tippromwovi l-ħidma tagħha permezz tal-media, li rriżultat f'aktar minn 4 000 klipp u 58 % tal-kopertura saret fil-media ġenerali; jinnota li l-persunal tal-Aġenzija kompla jaqsam il-kontenut b'mod attiv permezz tal-kanali tal-media soċjali tiegħu stess, u li fl-2021 l-Aġenzija kienet attiva fuq il-media soċjali (Twitter, LinkedIn u Facebook), u li l-Aġenzija ħadmet flimkien mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati fuq kampanji konġunti, bħal fuq il-kodiċi tal-Identifikatur Uniku tal-Formula;

34. Iħeġġeġ lill-Aġenzija tkompli tiżviluppa s-sinerġiji tagħha (pereżempju r-riżorsi umani, il-ġestjoni tal-bini, is-servizzi tal-IT u s-sigurtà), u ssaħħaħ il-kooperazzjoni tagħha, l-iskambju tal-prattiki tajba u d-diskussjonijiet tagħha rigward oqsma ta' interess reċiproku ma' aġenziji oħra tal-Unjoni bil-għan li tittejjeb l-effiċjenza;

35. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2023 ([7]) dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

([7]) Testi adottati, P9_TA(2023)0190.